Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 59/09AE

**Mario Tonna**

**Vs**

**Edwin Camilleri bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija L & M Camilleri Ltd**

L-Erbgha, 27 ta' Jannar 2016.

B'decizjoni tas-17 ta' Novembru 2015, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) qalet:

*"Illi f'dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed jitlob li din il-Qorti tissospendi l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv premess u dan pendenti l-proceduri pendenti quddiem din il-Qorti fl-istess ismijiet rikors numru 388/08. Fir-risposta taghha, is-socjeta intimata ma oggezzjonatx ghal din it-talba. Ghalhekk l-ezitu tar-rikors promotur odjern jiddependi totalment mill-ezitu tar-rikors numru 388/08.*

*Ir-rikors numru 388/08 fl-istess ismijiet premessi, gie deciz b'sentenza tal-lum stess, u ghar-ragunijiet hemm esposti, din il-Qorti inter alia cahdet it-talbiet fir-rikors promotur ta' dawk il-proceduri.*

*Ghalhekk, ma ghadx hemm raguni valida ghalfejn tibqa' vigenti s-sospensjoni provizorja tal- ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv skont id-digriet tal-20 ta' Frar 2009.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:-*

1. *filwaqt li qieghda tirrevoka contrario imperio id-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2009,*
2. *tiddikjara li ladarba l-meritu tar-rikors 388/08 fl-istess ismijiet gie deciz illum stess, fejn din il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent f'dawk il-proceduri, ma ghad hemm l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tibqa' sospiza l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv ottenut bl-ittra ufficjali numru 3648/08 mibghuta ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
3. *u ghaldaqstant tichad it-talba fir-rikors promotur odjern".*

Ir-rikorrent appella mid-decizjoni. L-aggravji huma tal-appellant huma li

(i) digriet kamerali, proprju minhabba l-karatteristika essenzjali tieghu tal-kameralita' ma jista' qatt jigi kkunsidrat bhala sentenza definittiva;

(ii) d-distinzjoni bejn digriet necessarjament interlokutorju u sentenza jinsab proprju fil-possibilita' li tintalab ir-revoka *'contrario imperio'* tal-ewwel imma mhux tat-tieni u ghaldaqstant huwa car li f'dan il-kaz ukoll id-digriet kamerali ma jistax jigi kkunsidrat bhala sentenza u ghaldaqstant in kwantu necessarjament jammonta ghal digriet interlokutorju l-eccezzjoni tal-irritwalita' ta' din il-procedura li permezz taghha qed jintalab ir-revoka *'contrario imperio'* tal-istess digriet certament li ma tistax tirnexxi;

(iii) Hu car ukoll li tali ingustizzja hija reza aktar gravi mhux biss ghaliex l-appellant qieghed jigi mcahhad mid-dritt illi jikkontesta att li huwa intiz li jwassal ghal titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu meta (a) huwa stess lanqas biss gie notifikat b'tali att (b) ma nghata l-ebda opportunita' mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati biex iressaq il-provi tieghu qabel l-ezekuttivita' ta' tali ittra tigi kkonfermata u (c) l-ittra fiha nnifisha hija proprju intiza sabiex tevita lill-mittenti taghha proceduri gudizzjarji li huwa jaf li tabilfors kellu jkollhom ezitu negattiv fil-konfront tieghu. Effettivament ir-rieda tal-intimat li jkompli jippersisti li jiddefendi l-ittra ufficjali mahruga minnu minflok ma jaghzel li jiehu proceduri gudizzjarji ma tistax ma tikkonfermax dan;

(iv) Illi kif jirrizulta car mill-istess ittra jinsab allegat mill-mittenti li huwa sofra danni fir-rigward tal-proprjeta' li allegatament hija tieghu. Ma tinghata l-ebda prova tat-titolu tal-mittenti fuq l-istess proprjeta', lanqas meta u taht liema kundizzjonijiet giet akkwistata tali proprjeta' mill-mittenti u / jew jekk tali proprjeta' ghadhiex tieghu llum il-gurnata. Fuq kollox jirrizulta bl-aktar mod car li tali talba hija preskritta u dan ghaliex l-izvilupp lamentat permezz tal-istess ittra kien gie konkluz fis-sena 2002 meta tali proprjeta' lanqas biss kienet tappartjeni lill-intimat u l-ittra ufficjali tieghu inharget sitt snin wara u dan biss wara li l-appellant talab lill-mittenti taghha sabiex ihallas ghall-appogg fir-rigward tal-hajt divizorju li jifred liz-zewg proprjetajiet.

L-appellata wiegbet fejn ghamlet l-istess argumenti li ppreponiet fl-appell 388/2008, deciz illum.

Jirrizulta li fis-17 ta' Novembru 2010 is-socjeta intimata ipprezentat nota fejn iddikjarat:

*"Li permezz taghha jiddikjara illi ma jopponix ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu derivanti mill-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 3648/2008 u dan sakemm ma jkunx hemm decizjoni definittiva fuq ir-rikors fl-istess ismijiet bin-numru 388/2008 pendenti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti".*

Fil-fatt jirrizulta wkoll li b'digriet li kien inghata fl-20 ta' Frar 2009 (fol. 3) l-ewwel qorti kienet provizorjament laqghet it-talba tar-rikorrent sabiex tordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv sakemm jibqa' pendenti r-rikors numru 388/2008 fl-istess ismijiet.

B'sentenza li nghatat illum fil-kaz **Mario Tonna vs Edwin Camilleri nomine** (Rikors numru: 388/2008), giet imhassra s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Novembru 2014 u l-atti ntbaghatu lura quddiem l-ewwel qorti.

Ladarba fil-kaz in ezami l-ewwel qorti bbazat id-decizjoni fuq 'il fatt cahdet it-talba tar-rikorrent fil-kaz **Mario Tonna vs Edwin Camilleri nomine** (Rikors numru: 388/2008) u liema decizjoni giet imhassra llum stess minn din il-qorti, il-konsegwenza hi li d-decizjoni oggett ta' dan l-appell ghandha wkoll tithassar.

**Ghal dawn il-motivi thassar id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Novembru 2014 u tordna li ghalissa s-sospensjoni provizorja ta' l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv skond id-digriet tal-20 ta' Frar 2009 tibqa fis-sehh. Tibghat l-atti lura lill-ewwel qorti biex jinghata provvediment finali skond l-ezitu tar-rikors numru 388/2008 bejn l-istess partijiet. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta intimata**[1].

Anthony Ellul.

[1] L-ispejjez ghandha taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta appellata peress li dan il-kaz hu konness mar-rikors numru 388/2008 fejn l-appell tar-rikorrent Tonna gie milqugh u michuda eccezzjoni ta' res judicata li kienet inghatat mis-socjeta appellata.